MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 211/2013

Kawza fil-lista: 15

**A B**

**vs**

**L-Avukat Mark Busuttil u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer**

**bhala kuraturi *ad litem* sabiex jirraprezentaw lill-assenti C B**

**u dan permezz ta' digriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti**

**datat 14 ta' Awwissu 2013**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attrici li jaqra bil-mod segwenti:-

A. Dikjazzjoni tal-Fatti

Illi l-partijiet kkuntrattaw iz-zwieg bejniethom fl-4 ta' Awissu 2003 skond ic-certifikat taz-zwieg taghhom;

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifel wiehed cioe Francis B li twieled fid-19 ta' Awissu 2004;

Illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment billi l-konvenut irrenda l-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti mpossibbli, stante li huwa abbanduna lil martu u lil ibnu qabel ma dan twieled u fil-fatt dan l-istess C B halla Malta u mhux maghruf fejn dan qieghed u dana kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-esponenti ghandha l-kura u kustodja effettiva tat-tifel minuri u hekk ilha sa mit-twelid tal-istess wild, missier it-tifel qatt ma ha hsieb, mantna jew rabba lill-istess minuri, tant li lanqas biss jghix Malta u l-attrici m'ghandiex xoghol u lanqas tista' timpjega ruhha billi trid tiehu hsieb il-minuri kif ukoll bintha ohra li ghanda disabbilta' fizika u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-attrici giet awtorizzata sabiex tipprocedi bl-istanti permezz tad-Digriet appositu tal-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), Digriet Numru 1458/13 (Ittra Numru 961/13);

Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma a diretta konoxxenza ta' l-attrici.

B. Raguni Ghat-Talbiet f'dawn il-Proceduri

Illi -zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment billi l-konvenut irrenda l-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti mpossibbli, stante li huwa abbanduna lil martu u lil ibnu qabel ma dan twieled u fil-fatt dan l-istess C B halla Malta u mhux maghruf fejn dan qieghed

u dana kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk qed tintalab is-separazzjoni personali bejn il-partijiet.

C. Talbiet Attrici

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, l-attrici titlob li dina l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, joghgobha

Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut kif fuq spjegat u tawtorizza lill-attrici tghix separatament minn ma' l-konvenut;

Tiddikjara li l-kura u kustodja tal-minuri Francis B tigi fdata lill-attrici;

Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment xieraq kemm lill-minuri fuq imsemmija pagabbli lill-attrici kif ukoll dik ir-retta alimentari lill-attrici;

Tiffissa l-modalita' ta' kif ghandu jigi ezercitat l-access tal-konvenut ghall-istess minuri fl-ahjar interess tal-istess minuri tenut kont ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Tapplika kontra l-konvenut l-effetti in toto jew in parte tal-artikoli 48 sa 52 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza l-komminazzjoni li tilef kull dritt li jiret mill-attrici u tiddikjara fic-cirkostanzi li l-konvenut iddekada u m'huwiex intitolat jitlob jew jippercepixxi ebda forma ta' manteniment minghand l-attrici.

Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f’zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali u tassenja porzjon lill-attrici u porzjon lill-konvenut ope sententiam. Filwaqt li tinnomina nutar sabiex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

Tiddikjara liema huma l-beni mobbli u mmobbli dotali u/jew parafernali tal-attrici hekk kif jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza filwaqt li tordna u tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attrici tali beni dotali u/jew parafernali taghha, u dana fi zmien qasir u perentorju, li ghandu jigi lilu prefiss minn din il-Qorti.

Bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-medjazzjoni kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li permezz taghha ddikjaraw li ma humiex edotti mill-fatti tal-kaz.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attrici.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkonsdirat.

**Htija ghat-Tkissir taz-Zwieg**.

Il-partijiet izzewgu fl-4 ta' Awissu 2003. Ghalkemm l-attrici iddecidiet li tistitwixx l-kawza odjerna fis-sena 2013, jirrizulta mit-testimonjanza mhux kontradetta tal-attrici illi l-konvenut ilu li abbanduna lil martu u lil ibnu sa mis-sena 2004, siefer minn Malta, qata' kull kuntatt minn ma' martu u ibnu u ma kkontribwixxa xejn f'dawn is-snin la ghall-attrici u lanqas ghal ibnu. L-attrici sahansitra ssostni li l-konvenut abbandunaha meta kienet ghadha tqila bil-minuri Francis.

L-**Artikolu 41 tal-Kap. 16** jipprovdi illi:-

*Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba*.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-gurisprudenza in materja citata mill-attrici fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha senjatament "**Antonio Xuereb vs. Maria Xuereb** (App. Civ. 14.12.1953)[1] u "**Lucia Bassiousy Passiouny vs. Dr Edwina Chetcuti et noe**."[2] (P.A. 21.10.2002). Issir referenza wkoll ghall-gurisprudenza aktar recenti fir-rigward: "**Edward Degaetano vs. Joanna Degeatano**" (App. Civ. 28.06.2013). u "**Thomas John Mansfield vs. Maria Concetta sive Marlene Mansfield**" (App. Civ. 31.10.2014).

Mill-provi prodotti m'hemmx dubju illi l-konvenut huwa hati ta' abbandun sew ta' martu kif ukoll ta' ibnu minuri. Fin-nuqqas ta' provi da parti tal-konvenut il-Qorti qed tikkonkludi illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment unikament tort tal-konvenut illi abbanduna lill-attrici ghal aktar minn sentejn minghajr raguni tajba.

Konsegwentement il-konvenut iddekada mid-drittijiet kontemplati mill-Artikolu 48 tal-Kap. 16 li jipprovdi illi:-

*"(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –*

*"(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;*

*"(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;*

---

[1] "l-abbandun tal-konjugi jista' jaghti lok ghas-separazzjoni personali, mhux bizzejjed li jkun hemm allontanament materjali mid-dar konjugali, imma jehtieg illi dak l-allontanament ikun minghajr gusta' kawza, u illi jipprologa ruhu minghajr gusta kawza ghal sentejn jew izjed".

[2] "Gal dak li hu abbandun il-fatt f'dan il-kaz jirrivestu r-raguni stabbilita fl-Artikolu 41 tal-Kodici Civili billi hawn ukoll l-attrici giet abbandunata ghal aktar minn sentejn u minghajr raguni tajba. Akkoppjat ma' dan hemm il-hsieb dottrinali li jafferma illi 'la persistenza e la continuita' in tal caso, anzi, attribuerebbe all-abbandono u carattere ingurioso' (**Baudry** – **Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile** – vol. IV pag. 30 para. 46 senjalat b'approvazzjoni fid-decizzjoni riportata **Vol. XXVI p II p 9**)

*"(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;*

*"(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ."*

F'kaz ta' abbandun, bhal fil-kaz ta' adulterju, ma hux imholli fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk tordnax it-telfien tal-jeddijiet kontemplati fl-Artikolu 48 appena citat. Una volta stabbilit li l-konvenut abbanduna lill-attrici minghajr raguni tajba isegwi illi huwa ser jigi dikjarat li ddekada mill-jeddijiet imsemmija.

**Kura u Kustodja tal-Minuri**.

Tenut kont illi l-missier, b'ghazla tieghu, ma jaghmel l-ebda kuntatt mal-minuri, huwa fl-interess tal-istess minuri illi l-kura u kustodja tieghu tigi affidata esklussivament f'idejn ommu l-attrici.

**Manteniment**.

L-attrici qed titlob il-manteniment sew ghaliha kif ukoll ghall-minuri. Mill-affidavit tal-attrici[3] jirrizulta illi l-minuri Francuis jattendi skola tal-Knisja. Jattendi wkoll id-dottrina ghand is-socjeta' tal-MUSEUM, kif ukoll lezzjonijiet tal-privat u attivitajiet sportivi fost l-ohrajn. Ma jirrizultax li l-attrici tahdem. Tenut kont li kienet kostretta tiehu hsieb lill-minuri Francis kif ukoll peress li ghandha tifla minn relazzjoni ohra li tbati minn dizabilita' severa, il-Qorti qed tikkonsidra li ma kienx possibbli ghall-attrici li tohrog mid-dar sabiex timpjega ruhha. Fic-cirkostanzi, salv prova kuntrarja, il-konvenut ghandu jipprovdi manteniment mhux biss ghal ibnu izda wkoll ghall-martu l-attrici.

[3] Fol. 42

Ghaldaqstant ser tordna lill-konvenut illi jhallas manteniment ta’ tlett mitt ewro (€300) fix-xahar ghall-attrici u mitejn u hamsin ewro (€250) fix-xahar ghall-minuri Francis u dan b’effett minn meta abbanduna l-familja u cioe’ mill-1 ta’ Awissu 2004.

**Komunjoni tal-Akkwisti**.

Mill-atti ma jirrizultaw ebda assi li jappartjenu l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet. Ghaldaqstant, filwaqt li l-Qorti ser tittermina l-komunjoni tal-akkwisti ta’ bejn il-partijiet ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, ser tiddikjara illi m’hemmx assi x’jigu likwidati u divizi.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa’ l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba ragunijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut C B minhabba abbandun.

2. Tilqa’ t-tieni talba u tordna li l-kura u kustodja tal-minuri Francis B tkun affidata esklussivament f’idejn l-attrici A B.

3. Tilqa’ t-tielet talba u tordna lill-konvenut C B sabiex ihallas lill-attrici is-somma ta’ tlett mitt ewro (€300) fix-xahar bhala manteniment ghaliha u s-somma ta’ mitejn u hamsin ewro (€250) fix-xahar ghall-minuri Francis u dan b’effett mill-1 ta’ Awissu 2004.

4. Tichad ir-raba talba attrici.

5. Tilqa' l-hames talba u tapplika kontra l-konvenut l-effetti kollha kontemplati fl-artikoli 48 sa 52 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Tordna li l-konvenut C B qed jitlef kull dritt li jiret lill-attrici. Tiddikjara wkoll illi l-konvenut tilef id-dritt illi jitlob minghand l-attrici manteniment ghalih.

6. Tordna t-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet. Tiddikjara illi mill-provi ma rrizultawx assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti u ghalhekk m'hemmx assi in komun x'jigu likwidati u assenjati.

7. Tichad is-seba talba attrici.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------